MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 162/2006

**John Mary FALZON**

**vs**

**Amanda Jane FALZON**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fl-1 ta' Marzu, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ir-rikorrent talab li l-Qorti tiddikjara li ladarba l-kawża numru 1258/80 fl-ismijiet "Amanda Falzon vs. John Mary Falzon" ġiet dikjarata deżerta, is-sentenza preliminari mogħtija matulha fis-17 ta' Settembru, 1981, f'dak li jirrigwarda l-ħlas ta' manteniment, m'għadhiex tiswa; talab li l-Qorti tordna t-tħassir tal-ipoteka ġenerali ġudizzjali u l-ipoteka speċjali maħruġin mill-intimata u fuq talba tagħha bis-saħħa tal-imsemmija sentenza; u talab ukoll il-ħatra ta' nutar pubbliku biex jiskrivi t-tħassir tal-istess ipoteki li ġew

reġistrati fit-tmienja (8) ta’ Lulju, 1982 (Nota ta’ Iskrizzjoni 7826/82),

Rat il-verbal tas-smigħ tat-2 ta’ Mejju, 2006, li bih il-Qorti ġiet mgħarrfa li ma kienx meħtieġ jitressqu provi ladarba l-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jaslu fi ftehim bejniethom barra l-Qorti;

Rat in-Nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum li biha l-intimata stqarret it-talbiet tar-rikorrent b’riżerva dwar dik fuq il-kap tal-ispejjeż;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum dwar il-qbil milħuq bejniethom fuq il-kap tal-ispejjeż u li dan il-qbil ikun rifless fis-sentenza li għandha tingħata;

Rat l-atti kollha tal-kawża u l-artikoli 963(6) tal-Kap. 12 u 2023(a), 2060(1), 2064 u 2068(2) tal-Kap. 16;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li s-sentenza preliminari mogħtija fis-17 ta’ Settembru, 1981, fl-atti tal-kawża numru 1258/80, ma għadhiex tiswa u dan ladarba l-imsemmija kawża marret deżerta f’Novembru tal-1995;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u qegħda tordna t-tħassir tal-ipoteki ġudizzjali irreġistrati fin-Nota Progressiva 7826/82 tat-8 ta’ Lulju, 1982, billi ma hemmx raġuni tajba u leġittima għaliex għaliex għandhom jibqgħu fis-seħħ;

**Tilqa’ t-tielet talba attriċi** billi taħtar lin-Nutar Dottor Carmel Gafa’, biex jirrediġi l-atti meħtieġa għat-tħassir ordnat; u

Tordna li **l-ispejjeż** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet, b’kull parti tħallas id-drittijiet tal-avukat tagħha, u bir-rikorrent iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-eżekuzzjoni tat-talbiet tiegħu.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------